MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Talba Numru. 123/2009

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Elfrida Sammut (ID 355561 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ seba’ mija u hamsa u sebghin ewro u disgha u tmenin centezmi (€775.89) liema ammont huwa dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21449538 (CN1063145, AC 10191540) skond kif jirrizulta mid-dokumenti IZY 1, 2 u 3 annessi mat-talba.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet  legali mid-data tal-prezentata ta' dan  l-avviz kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi  l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta ta` llum.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2009 mill-Avukat Ingrid Zammit Young  u l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi l-konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------